MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 209/2002/1

**Cauchi Transport Service Ltd**

**vs**

**Sebastiano u Patricia konjugi Calabretta**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fl-1 ta’ Marzu, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma komplessiva ta’ elfejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2054.13c) rapprezentanti bilanc tal-kapital u mghax dovut sas-26 ta’ Jannar 2002 u dana ai termini ta’ skrittura privata ta’ kostatazzjoni ta’ debitu datata 2 ta’ Novembru,2001, wara illi tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom moghti skond l-istess skrittura.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 21 ta’ Jannar 2002 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u mghaxijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

Preliminarjament il-kumpanija attrici ghandha tesebixxi l-orginali ta’ l-iskrittura li fuqha l-attur qed jibbaza t-talba tieghu.

Fit-tieni lok kienu hargu diversi kambjali li rregolarizzaw il-pendenza bejn il-partijiet li wkoll ghandhom jigu esibiti.

Fit-tielet lok l-ammont mitlub huwa superjuri ghal dak fil-fatt dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi permezz ta’ skrittura datata 2 ta’ Novembru 2001, il-konvenuti kkostitwew irwiehhom debituri versu s-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elfejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2054.13c) illi kellhom jithallsu f’pagamenti mensili ta’ mitejn lira-il wahda (Lm200). Kull pagament kien kopert b’kambjala. Irrizulta li l-konvenuti hallsu pagament wiehed, izda l-kambjali baqghu f’idejn is-socjeta’ attrici peress illi ma sarx aktar hlas. Mitluba tispjega il-ghaliex ma komplietx thallas, il-konvenuta qalet illi wara l-ewwel pagament ma gietx moghtija l-kambjala u ghalhekk dehrilha illi qabel ma tircievi din il-kambjala ma kellhiex taghmel aktar pagamenti. Di piu’ jidher li kienet f’posizzjoni finanzjarja mhux daqshekk b’sahhitha u ghalhekk qaghdet lura milli taghmel dan il-pagament.

Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2003, is-socjeta' attrici esibiet il-kambjali li kien ghad fadlilha f'idejha, peress illi l-ewwel kambjala giet moghtija lill-avukat tal-konvenuti fil-mori tal-kawza. Wara dan, il-partijiet iddikjaraw illi ma hemmx aktar provi x' jingiebu.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici qieghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet u mhux fuq il-kambjali illi baqghu mhux imhallsa f'idejn is-socjeta' attrici. Ma hemmx dubbju illi meta l-Qorti taqra l-kondizzjonijiet ta' din l-iskrittura, ssib illi l-konvenuti ddekadew minn kwalunkwe beneficcji illi setgha kellhom fuqha. Il-modalita' ta' pagament ma giex osservat, quindi s-socjeta' attrici hija ntitolata li titlob lura s-somma kollha bl-interessi. Is-socjeta' attrici ppruvat tikkawtela aktar id-drittijiet taghha billi gaghlet lill-konvenuti jiffirmaw l-kambjali, pero' din l-azzjoni mhijiex wahda kambjarja, u kif inghad, hija bazata purament fuq l-iskrittura li ffirmaw il-partijiet, liema skrittura taghmel stat guridiku bejniethom li jintitola lis-socjeta' attrici titlob lura s-somma mhux imhallsa bl-interessi kif stipulat. Ghal dak li jirrigwarda l-ammont, ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. Il-partijiet jaqblu illi sar pagament wiehed tardiv u ma sarux pagamenti ohra, quindi l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici fl-avviz ghandu jigi akkordat.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' elfejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm2054.13c) rapprezentanti bilanc tal-kapital u mghax dovut sas-26 ta' Jannar 2002 u dana ai termini ta' skrittura privata ta' kostatazzjoni ta' debitu maghmula fit-2 ta' Novembru,2001, wara li l-konvenuti tilfu l-beneficcju tat-terminu lilhom moghti skond l-istess skrittura.

Bl-ispejjez u interessi legali ulterjuri mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenuti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------